MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2002

Numru 231/2002

bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Mario Bonello)
vs
Rosario Zammit, iben Michael,
imwieled Pieta' fit-12 ta' diċembru,
1978
u
Anton Agius, iben Anthony, imwieled Pieta' fl-24 ta' april,
1980

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati talli b'diversi atti magħmulin ukoll

jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula
b'risoluzzjoni waħda –
1. talli fil-25 ta' frar, 2002 għal ħabta tas-2.15 pm. Ġewwa n-Naxxar bil-ħsieb li jikkomettu serqa mill-fond 'Birguma Winds', Triq J. Howard, Naxxar urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni ta' din is-serqa liema serqa ma ġietx esegwita minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom, dan l-attentat ta' serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok għad-detriment ta' Silvana Azzopardi;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma teċċedix
l-Lm10 għad-detriment ta' Silvana Azzopardi;
3. talli f'xi jum bejn is-16 ta' frar, 2002 u it-23 ta' frar, 2002 ġewwa n-Naxxar ikkomettew serq ta' apparat tal-Hi-Fi, deheb u oġġetti oħra li l-valur tagħhom jeċċedi s-somma ta' elf lira maltin (Lm1,000) mill-fond numru 23, Seaview, F.W. Ryan Street, San Pawl tat-Tarġa liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur, u bil-lok għad-dannu ta' Wim Van Vuuren;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma teċċedix il-ħamsin lira maltin (Lm50);
5. talli fit-12 ta' frar, 2002 għal ħabta tal-10.30 a.m. ġewwa il-Mellieħa kkomettew serq ta' apparat tal-Hi-Fi u affarijiet oħra li l-valur tagħhom huwa ta' anqas minn elf lira maltin (Lm1,000) mill-fond numru 468, Daħlet id-Dalji, Mellieħa liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok għad-detriment ta' Gio Maria Sammut;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma teċċedix il-ħamsin lira maltin (Lm10);

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-9 ta' ottubru, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti
tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jishirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

(a)fl-artikoli 18, 41(1)(a), 261(b)(ċ)(e), 263, 267, 269, 278 u 279 tal-Kodiċi Kriminali;
(b)fl-artikoli 18 u 325 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' diċembru, 2002 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' diċembru, 2002 fejn l-imputati ammettew l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukati ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom. Rat
l-artikoli18, 41(1)(a), 261(b)(ċ)(e), 263, 267, 269, 278, 279, u 325 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt
il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni
li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Inoltre, rat l-artikolu 11
tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta. Tikkundanna lil Rosario Zammit li jħallas
is-somma ta' erba' mitt liri maltin (Lm400) danni lil Gio Maria Sammut fi żmien sitt xhur mil-lum. Tikkundanna lil Anton Agius li jħallas is-somma ta' mitt liri maltin (Lm100) danni lil Gio Maria Sammut u tlett mittliri maltin (Lm300) danni lil Gemma van Vuuren Cassar fi żmien sitt xhur mil-lum.